MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 65/2014

**Rita Delicata I.D. 234325M u b' digriet tat-2 ta' Frar 2015 l-atti gew trasfuzi f'isem Joseph Delicata (ID847946M), Anne Delicata (ID246545M), Mary Rose D'Amato nee` Delicata (ID373849M), Charles Delicata (ID522950M), Monica Bugeja nee` Delicata (ID117553M), Catherine Delicata (ID120358M) u Mr Raymond J Delicata (ID120258M) stante l-mewt ta' Rita Delicata li mietet fil-mori tal-kawza; u Joseph Delicata I.D. 847946(M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## 1. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Dr. Cedric Mifsud (196979M) in rapprezentanza tar-rikorrenti Rita Delicata u dan *ai termini* tal-Prokura datata 18 ta' Novembru 2013, datat 27 ta' Jannar 2014 fejn espona: -

Illi r-ragel tar-rikorrenti, Saviour Delicata, twieled f' Tunis fit-3 ta' Awwissu 1922 u dan kif jidher mill-estratt veru mill-Att tat-Twelid tieghu mizmum fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku li jgib in-numru 6178/1981, anness u mmarkat bhala Dok 'A' u kif anke jidher mill-estratt veru mic-certifikat tal-maghmudija mmarkat bhala Dok 'B';

Illi l-istess Saviour Delicata izzewweg nhar it-12 ta' Frar 1944 u dan hekk kif jirrizulta mill-Att taz-Zwieg tieghu mizmum fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku li jgib in-numru 402/1944, hawn anness u mmarkat bhala Dok 'C';

Illi fl-istess Att taz-Zwieg, l-eta' tar-ragel tar-rikorrenti, cioe` l-eta' ta' Saviour Delicata, hija erronjament imnizzla bhala wiehed u tletin (31) meta fir-realta` dan ghandu jkun imnizzel bhala wiehedu ghoxrin (21);

IIIi din l-inkonsistenza fl-eta' ta’ Saviour Delicata sehhet biss minhabba zball li sar mid-Direttur tar-Registru Pubbliku jew impjegati tieghu, u ghalhekk l-esponenti m'ghandhiex tinkorri l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

Illi tali inkonsistenza qieghda tikkawza diffikultajiet prattici lir-rikorrenti u ghalhekk hija ghandha interess skont il-ligi sabiex *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ssir id-debita korrezzjoni fl-Att taz-Zwieg taghha.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlobu li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1 Tiddikjara li hemm il-htiega li ssir annotazzjoni fl-Att taz-Zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni 402/1944, fis-sens illi l-eta` ta’ Saviour Delicata tinbidel ghal dik ta’ wiehed u ghoxrin sena;

2. Konsegwentement tordna illi fl-Att taz-Zwieg odjern isiru annotazzjonijiet mehtiega fis-sens illi fil-kolonna "eta' jew data tat-twelid" l-eta` ta "31" tigi kkancellata u sostitwita bl-eta` "21" u dan sabiex jigu evitati kumplikazzjonijiet legali li jistghu jinqalghu aktar 'l quddiem minhabba din l-iskorettezza.

Bl-ispejjez.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-27 ta' Marzu 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 25 ta' Frar 2014 (fol 24) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu ddikjara u kkonferma dan li ġej:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* **tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi l-esponent m'ghandu l-ebda oggezzjoni li jkun hemm il-korrezzjoni rikjesta fir-rikors promotur pero` jishaqq il-htiega ta' konferma da parti tal-kappillan jew rapprezentant tal-Oratorju ta' Birkirkara (il-parrocja fejn izzewget l-attrici) li bhala stat ta' fatt hemm zball fl-eta` ta' Saviour Delicata fuq l-att taz-zwieg numru 402/44, dan qed jinghad ghaliex iz-zwieg bejn ir-rikorrenti Rita Delicata u zewgha sehh fis-sena 1944, u ossia qabel l-1975, f' liema zmien iz-zwigijiet kienu jsiru biss bil-knisja u mhux bic-civil. Ghaldaqstant l-informazzjoni li tinstab fl-att originali **(anness u immarkat Dok. DRP 1)** kif irregistrat fir-Registru Pubbliku hija l-informazzjoni li giet mghoddija mir-rapprezentant tal-Knisja fejn sehh iz-zwieg fis-sena 1944.

3. Illi l-esponent jissottometti ghalhekk li l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Jannar 2015 mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Cedric Mifsud ghar-rikorrenti prezenti u Dr. Maurizio Cordina ghad-Direttur intimat. Dr. Mifsud ipprezenta kopja tat-testmenti tad-decujus *seduta stante*, rifferibbilment ghar-rikors tal-leggitimazzjoni tal-atti. Dr. Mifsud ghal *kull buon* fini jiddikjara li m'ghandux provi ohra. Dr. Cordina iddikjara li m'ghandux provi xi jressaq u l-partijiet irrimettew ruhhom ghad-dokumenti esebiti. Il-Qorti ghalhekk iddifferixxiet l-kawza ghas-sentenza ghas-26 ta' Frar 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija talba a tenur tal-artikolu 253 tal-Kodici Civili ta' Malta li jaghti d-dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament skont il-Ligi.[1]

Illi l-attrici mietet fil-mori u l-atti gew trasfuzi f'isem l-eredi taghha.[2]

It-talba imressqa llum hija ghall-korrezzjoni tal-eta' ta' Salvatore Delicata, li kien ir-ragel tar-rikorrenti Rita Delicata, li kienet giet imnizzla b'mod zbaljat fuq ic-certifikat taz-zwieg taghhom li jgib in-numru 402/1944 (**Dok.C.** anness mar-rikors guramentat).

[1] Fol 23 tal-process.
[2] Digriet a fol 31 tal-process.

Ir-rikorrenti esebiet l-att tat-twelid u tal-maghmudija ta' Salvatore Delicata li juru li  twieled f'Tunis fit-3 ta' Awissu 1922 (**Dokti A u B).** Ghalhekk gustament kellu 21 meta izzewweg lir-rikrorenti fit-12 ta' Frar 1944 u mhux l-eta` ta' 31 sena kif jinsab registrat fuq l-att taz-zwieg tieghu li kopja shiha hija esebita mill-intimat a fol.26 tal-process.

Illi l-intimat ma oggezzjonax ghat-talba rikjesta izda talab li jigi kkonfermat da parti tal-kappillan jew ta' rapprezentant tal-Oratorju ta' Birkirkata fejn gie ccelebrat iz-zwieg li "bhala stat ta' fatt" hemm zball fl-eta` ta' Saviour Delicata fuq l-att taz-zwieg 402/44). Dan intalab ghaliex iz-zwieg bejn ir-rikorrenti Rita Delicata u Saviour Delicata kien gie ccelebrat bil-Knisja qabel ma dahhlu *in vigore* l-emmendi legislattivi tal-1975.

Din il-konferma baqghet ma saritx. Madanakollu jirrizulta bhala fatt mill-att tat-twelid u mic-certifikat ta' maghmudija esebiti, li Saviour Delicata kellu l-eta' ta' 21 sena meta izzewweg lil Rita Delicata u fic-cirkostanzi din it-talba ghandha tigi akkolta.

Rigward il-kap tal-ispejjez, fic-cirkostanzi l-Qorti jidhrilha li r-rikorrenti ghandha tissaporti dawn l-ispejjez *stante* li ma gabitx il-prova rikjesta sabiex jintwera jekk l-izball kienx fic-certifikat taz-zwieg mahrug mill-Oratorju  ta’ Birkirkara jew jekk kienx attribwibbli unikament ghall-intimat.

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi **tilqa'** t-talbiet attrici u cioe`:

1 Tiddikjara li hemm il-htiega li ssir annotazzjoni fl-Att taz-Zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni 402/1944, fis-sens illi l-eta` ta’ Saviour Delicata tinbidel ghal dik ta’ wiehed u ghoxrin sena;

2. Konsegwentement tordna illi fl-Att taz-Zwieg premess isiru annotazzjonijiet mehtiega fis-sens illi fil-kolonna "eta` jew data tat-twelid" l-eta` ta’ "31" tigi kkancellata u sostitwita bl-eta` "21".

Tordna wkoll illi kopja ta' din id-decizjoni tigi notifikata *ai termini* tal-Artiklu 256 tal-Kodici Civili sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------